# Kuntatt
## mal-iskola ta' wliedkom

OTTUBRU 2016 - JANNAR 2017

## MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

**Naħsdu dak li niżirgħu**



L-inizjattivi għall-ġid tal-istudenti fl-iskola tagħna ma jaqtgħu xejn. Matul is-snin ħloqna numru ta' inizjattivi li qed igawduhom l-istudenti tagħna. Is-sena l-oħra, bl-introduzzjoni tal-programm XL tal-Prince's Trust, kellna l-ħolqien tal-għalqa. Permezz tagħha studenti li qed jipparteċipaw fil-Prince's Trust qed iħawlu u jipproduċu ħxejjex li mbagħad jinbiegħu fl-iskola stess lil studenti oħra u membri tal-istaff. Dak il-prodott li jibqa', imbagħad jintuża fit-*tuck shop* f'riċetti delizzjużi, friski u sustanzjużi. Min-naħa l-oħra l-inizjattiva tat- *tuck shop* immexxi mill-istaff, ilha trendi l-frott għal dawn l-aħħar 11-il sena. Grupp ta' għalliema ta' kuljum jiddedikaw parti mill-ħin liberu tagħhom jippreparaw kolazzjon għall-istudenti. Il-qligħ kollu ġġenerat mit-*tuck shop* jiġi investit fl-iskola fi proġetti differenti. Parti minnu jkabbar u jgħammar it-*tuck shop* stess b'iżjed riżorsi essenzjali.

Inizjattiva oħra mfittxija ħafna mill-istudenti u li kibret tul iż-żmien hija d-drama. L-esibizzjonijiet tal-ogħla livell li jtella' dan il-grupp issa saru mhux biss dati fissi fil-kalendarju tal-iskola iżda wkoll fil-kalendarju ta' ħafna nies li jattendu bi ħġarhom għal dawn ir-rappreżentazzjonijiet. Is-sena l-oħra r-rappreżentazzjonijiet kollha kienu mimlija bi 'l fuq minn 6,000 spettatur. L-istudenti jiksbu bosta ħiliet meta jipparteċipaw f'dawn l-attivitajiet.

*...kompli fuq paġna 3*



**Kulleġġ San Benedittu, Skola Sekondarja, Ħal Kirkop**
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 21642427, 21642430
✉ sbc.kirkop.ss@ilearn.edu.mt
http://www.kulleggsanbenedittubs.com

# EDITORJAL

**F'idejk biex tinvesti fik innifsek**

L-ewwel ftit ġranet, sakemm wieħed jerġa' jibda jidra l-qawmien kmieni u s-sistema tal-iskola, jafu jkunu diffiċli u tad-dwejjaq. Madanakollu issa diġà nistgħu ngħidu li s-sena skolastika bdiet għaddejja b'ritmu mgħaġġel. Iż-żmien ma nistgħux inwaqqfuh milli jgħaddi, imma nistgħu nagħżlu li nużawh b'mod għaqli jew naħluh.

Dan ifisser li l-preparazzjoni għas-suċċess akkademiku għandha tibda minn issa. L-ewwel nett l-istudenti għandhom juru ħeġġa lejn it-tagħlim billi jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-lezzjonijiet u jagħmlu x-xogħol għad-dar li jkun mogħti lilhom mill-għalliema. Meta l-istudenti jkollhom attitudni li ma jimpurtahomx, se jbatu huma stess, mhux fl-iskola biss imma anki fil-ħajja tagħhom 'il quddiem. Għaldaqstant l-iskola tħossha obbligata li tinforma lill-ġenituri permezz tad-djarju b'din l-imġiba tat-tfal.



Ix-xogħol li jingħata għad-dar jimxi id f'id mal-istudju. Dan għaliex jekk ix-xogħol għad-dar jingħata l-ħin xieraq u jsir kif suppost, bih l-istudenti jkunu qed jirrevedu dak li jkunu għamlu fil-klassi. Studju bis-serjetà m'għandux jibda fl-aħħar ftit ġranet qabel l-eżamijiet jew saħansitra lejlet l-eżamijiet. L-istudju għandu jsir bi pjan matul is-sena skolastika kollha. Dan billi l-istudenti jippjanaw liema suġġetti se jistudjaw għal kull jum tal-ġimgħa u b'liema mod se jistudjawhom. B'dan il-mod, jekk waqt l-istudju l-istudenti jsibu xi diffikultà jkunu jistgħu jmorru għand l-għalliem/a tagħhom sabiex jiċċaraw dak li ma jkunux fehmu.

L-attendenza wkoll għandha l-importanza tagħha biex l-istudenti jimxu 'l quddiem. L-istudenti għandhom jattendu l-iskola b'mod regolari għaliex il-lezzjonijiet ikunu qed jinbnew fuq xulxin. Meta l-istudenti jfallu l-iskola għalxejn mhux biss se jkollhom ċans kbir li jmorru ħażin fl-eżamijiet, għax ikunu tilfu parti kbira mis-sillabu, imma wkoll se jrawmu fihom id-drawwa li fuq il-post tax-xogħol jistgħu jagħmlu l-istess.

Illum il-ġurnata jidher ukoll li l-qari naqqas il-popolarità tiegħu minn fost l-istudenti imma dan ma jfissirx li din il-ħila tal-lingwa m'għadhiex importanti. Il-qari għandu diversi benefiċċji fosthom it-twessigħ tal-vokabularju, għajnuna fl-istruttura tas-sentenzi u l-iżvilupp fl-espressjonijiet, fl-ideat u fl-argumenti. Il-qari għandu jsir billi l-istudenti jagħżlu jew jiġu mgħejuna biex jagħżlu l-kotba li jkunu jogħġbuhom u li jkunu addattati għalihom. B'hekk il-qari jaf ikun mezz ta' informazzjoni li jagħti gost. L-istudenti huma mħeġġa li jużaw il-librerija tal-iskola li tkun miftuħa kuljum fil-brejk il-kbir.

Qawl Malti jgħid "l-ebda warda bla xewka" għax fil-ħajja trid tagħmel is-sagrifiċċji biex takkwista dak li tkun tixtieq.

*Is-Sur W. Incorvaja*
Għalliem tal-Malti

*...ikompli minn paġna 1*

Bħal fit-*tuck shop* il-qligħ kollu jiġi rinvestit fis-sala biex b'hekk din tiġi mgħammra b'apparat tal-ogħla u l-aqwa kwalità.

Is-sena l-oħra bi ftehim mal-MEP Miriam Dalli, l-iskola ħadmet fuq proġett ta' żvilupp sostenibbli. Studenti b'ħiliet differenti ħadmu flimkien mal-għalliema sabiex bnew għamara tal-ġnien magħmula minn materjal irriċiklat. Numru minn dawn l-istudenti dalwaqt se jingħataw iċ-ċans jirrappreżentaw l-iskola u juru x-xogħol tagħhom fil-Parlament Ewropew.

Proġetti oħrajn fl-intrapriża li bħalissa għadhom għaddejjin, jinkludu l-ħolqien ta' qsari taċ-ċaqquf għas-siġar tal-Bonsai, il-produzzjoni tal-ġulepp tal-ħarrub, il-proġett Kreattiv, il-ftehim mal-*Federation of Racing Pigeons* u l-bini ta' barumbara fuq il-bejt tal-iskola.

Nemmen li dawn l-inizjattivi jgħaddu ħiliet imprenditorjali importanti għall-istudenti tagħna. L-istudenti qed jitgħallmu b'mod informali l-ħiliet imniżżla fl-aġenda tal-ħiliet Ewropa 2020. Dawn il-ħiliet jinkludu il-ħsieb kritiku, il-komunikazzjoni effettiva, l-għarfien finanzjarju, ir-responsabbilta` u l-kunfidenza fihom infushom u quddiem in-nies.

Għax verament nemmen fl-inizjattivi li qed jinħolqu fl-iskola tagħna u fil-ġid li joħroġ minnhom, l-iskola ssottomettiet b'suċċess applikazzjoni għall-Premju Nazzjonali fl-Imprenditorija. Bi pjaċir ngħid li l-iskola tagħna rebħet dan l-unur u xogħolna ġie rikonoxxut fuq livell internazzjonali waqt ċelebrazzjoni li saret fil-Latvja fit-22 ta' Settembru 2016.

*Is-Sur M. Bondin*

Kap tal-iskola




Jekk għandek Facebook account tista' tingħaqad magħna billi tfittex….

**Benedittu Social**

## L-ewwel *exchange visit* għall-Ġermanja



Kienet esperjenza indimentikabbli għal grupp ta' tmien studenti mill-iskola tagħna li jitgħallmu l-Ġermaniż fejn flimkien ma' studenti oħra mill-Kulleġġ San Injazju pparteċipaw f'*exchange visit* ma' *Reformschule*, skola Ġermaniża li tinsab f'Kassel, belt fiċ-ċentru tal-Ġermanja.

L-esperjenza bdiet f'Marzu ta' din is-sena meta 22 student Ġermaniż flimkien mal-għalliema tagħhom żaru Malta għal ġimgħa sħiħa. L-istudenti Maltin setgħu jesperjenzaw din il-ġimgħa sa mill-bidu nett, peress li tajniehom l-opportunità biex joqogħdu fl-istess lukanda li kienu qed joqogħdu l-Ġermaniżi. Għixna dan il-perjodu flimkien fejn dorna diversi postijiet ta' interess madwar Malta u Għawdex, kif ukoll żorna l-iskola tagħna sabiex b'hekk l-istudenti u l-għalliema Ġermaniżi setgħu jieħdu idea ta' skola Maltija filwaqt li jesperjenzaw sistema edukattiva differenti minn tagħhom. Kellna ħafna attivitajiet sbieħ ippreparati għalihom. L-aktar mistennija kienu jkunu l-attivitajiet ta' wara l-ikla ta' filgħaxija, li kienu jservu biex l-istudenti, kif ukoll aħna l-għalliema, insiru nafu aktar lil xulxin. Fost l-attivitajiet favoriti kien hemm l-attivitajiet sportivi li saru ġewwa l-Kumpless Sportiv fl-iskola tagħna stess, il-mawra lejn Għawdex, kif ukoll il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, li kienet xi ħaġa ġdida għall-Ġermaniżi.



Wara l-mawra tal-istudenti u l-għalliema Ġermaniżi f'Malta, kien imiss l-esperjenza tagħna l-Maltin. Il-ġurnata tat-30 ta' Settembru kienet tant mistennija għall-istudenti. Ma jfissirx li sadanittant ma sar l-ebda kuntatt bejn iż-żewġ gruppi. Anzi, il-maġġoranza tal-istudenti baqgħu f'kuntatt kontinwu ma' sħabhom il-Ġermaniżi permezz tal-*media* soċjali. L-istess jista' jingħad għall-għalliema li baqgħu f'kuntatt biex isiru aktar diskussjonijiet sakemm il-programm tal-Ġermanja ġie ffinalizzat.



Kienet ġimgħa ppakkjata bl-attivitajiet u eskursjonijiet madwar Kassel, fejn minkejja li inzertajna xi ġranet bit-temp xi ftit jew wisq kiesaħ, xorta

ħadna gost f'din il-belt tant sabiħa. Għalkemm għandha popolazzjoni daqs dik ta' Malta, ma nistgħux ngħidu l-istess għad-daqs għax hi tliet darbiet aktar minn Malta. Konna noqogħdu *f'hostel* u din kienet ukoll esperjenza ġdida għal ħafna mill-istudenti tagħna.

Il-fatt li l-istudenti kienu jafu lil xulxin ħafna aktar, wassal sabiex l-iskop ewlieni ta' din l-*exchange visit* jirnexxi ħafna aktar. Kienu interessanti ferm iż-żjarat li għamilna fl-iskola tagħhom fejn esperjenzajna sistema edukattiva totalment differenti milli aħna mdorrijin biha u nistgħu ngħidu li anke aħna l-għalliema tgħallimna ħafna minn din l-esperjenza. L-istudenti Maltin setgħu jesperjenzaw kif il-Ġermaniżi jqattgħu l-ġurnata ta' mistrieħ tagħhom, minħabba li kellhom l-opportunità jqattgħu ġurnata ma' familja Ġermaniża. Kienet ukoll l-ewwel esperjenza għal ħafna mill-istudenti Maltin meta użajna t-tramm bħala mezz tat-trasport ewlieni u xi drabi anke l-ferrovija. L-aktar ġurnata favorita kienet dik meta żorna Heide Park, allavolja kellna vjaġġ ta' tliet sigħat.



Din l-avventura waslet fi tmiemha nhar is-7 ta' Ottubru imma l-memorji u l-esperjenzi żgur ser jibqgħu stampati f'moħħ l-istudenti tagħna. Kienet esperjenza li fiha ħadna gost u tgħallimna flimkien. Hi esperjenza fejn kull student li jitgħallem lingwa barranija żgur jibbenefika minnha meta jqatta' perjodu ta' żmien jgħix fil-pajjiż. Min jaf, forsi studenti oħra li jitgħallmu l-Ġermaniż ikunu jistgħu jgawdu huma wkoll minn esperjenza simili fil-futur qarib.

*Is-Sa P. Callus*
*Is-Sur K. Scicluna*
Għalliema

## HELPING PARENTS HELP THEIR CHILDREN WITH MATHS

**A short course for parents**

The past six years as a secondary school mathematics teacher have given me ample opportunity to be in contact with parents of students I teach. This continuously makes me realise that most parents want and try their best to be involved in their children's mathematics education, however they feel they have certain limitations and lack of know-how. Most of them are afraid they will confuse their children with different methods, other than those which are being used in class, or that they are not up to date with what is being taught in secondary mathematics classrooms nowadays.This is what inspired me to organise a short course for parents which aims at bridging the gap between parents and schools, while serving as an opportunity for teacher and parents to meet and collaborate together for the benefit of our students.



This short course, which consisted of seven 2-hour sessions, was held over four weeks during last September at our school. Throughout the course, parents had the opportunity to learn about different ways in which they can help their children learn and appreciate mathematics. This was carried out through hands on training, practical workshops and fun real life examples in which mathematics can be incorporated. Parents were given training on how to provide situations for their children where they can instigate curiosity and inquiry, and encourage children to explain, demonstrate, ask, reason things out, and discover mathematical concepts by themselves. During one such workshop, parents were asked to bring various supermarket magazines which they receive at home, and in groups, they were to devise an activity with which they can practise every day mathematics with their children using these magazines. Parents also had the opportunity to go on a Maths Trail around our school, whereby they could experience and discuss mathematical ideas in a fun and creative way so that even parents themselves could enjoy mathematics.

During another session parents were given training on how to help their children with homework without giving answers in a way which helps children think, try out different approaches and give sense and meaning to answers. In a different session, we discussed the use of the calculator in the learning of mathematics – the advantages, disadvantages, what we mean by appropriate use of a calculator and when it is best for students to use one. Furthermore, parents were given various ideas of enriching activities they can carry out with their children using calculators. In another session, which involved the use of technology in mathematics, we went to the computer labs so that parents could explore mathematical software which is being used in our mathematics classrooms, including MicroWorlds LOGO, Microsoft Excel and GeoGebra. Moreover, participants were given resources and links to websites which provide interactive Maths games (through which students can consolidate what they learn in class), videos which stimulate thinking and reasoning, and various brain teasers which encourage children to research, investigate and discover mathematical concepts.



*Ms M. Busuttil*
Mathematics Teacher

# CELEBRATING THE FEAST OF ST. FRANCIS



The 4th of October was no ordinary day for St. Benedict Senior School. There was an air of excitement as the basketball court started to fill up with some not so ordinary family members of the students, as well as the parents who brought the pets to school. Dogs, birds and rabbits were the main guests on Animal Awareness Day organised by our school on the feast of St. Francis of Assisi. This was not the first time that our school hosted such an event and students were only too pleased to bring their pets along to be blessed. It was a very colourful scene as the pets and their owners gathered in one corner of the yard and the students and their teachers assembled around the altar that was set up for mass. Fr George celebrated a special themed mass and centred his homily on the respect and protection of animals. The students' excitement and merriment could be felt when the celebrant invited the parents to step forward and present their children's pets for the customary blessing. Many students were thrilled to see their pets and their friends' pets at school and a few lucky ones got to cuddle a puppy or a dwarf rabbit. After mass, the students parted company with their favourite companions so the parents could take the pets back home. One can surely say that this year's Animal Awareness Day event at St Benedict's was a success.

*Mr D. Bezzina*

English Teacher

# PRINCE'S TRUST

Last year, we were one of the seven schools which introduced the XL /Achieve Programme with our students namely with the Year 9 and Form 4 students. The Prince's Trust XL/Achieve Programme is a personal development course providing a unique opportunity for 13 to 19-year-olds; a practical approach to learning which supports young people to fulfil their potential (PT website 2016). Since the programme was to be spread over two or three scholastic years, it was imperative to identify which level to target so that the students would get the best they could out of the experience. Once the credits were assigned to a particular teacher, the project started to come to life. Various credits were completed throughout the year: Community Projects, Teamwork and Presentation Skills. We are very pleased with the outcome as our students passed all their credits. On a national level we also had a 100% pass rate and excellent feedback on the presented work and portfolios.



*Ms L. Caruana*

ICT and Social Studies Teacher

# IL-ĠIMGĦA DDEDIKATA LIL-LINGWI






*Salut! Salve! Hi! ¡Hola! Hallo!* Mill-24 sat-28 ta' Novembru fl-iskola tagħna ċċelebrajna s-sbuħija u d-diversità tal-lingwi li jitgħallmu l-istudenti fl-iskola. Bdejna waqt l-*assembly* tat-Tnejn filgħodu fejn l-istudenti sellmu lil sħabhom bit-Taljan, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż. It-tema li ħdimna fuqha din is-sena kienet Personaġġi u Monumenti. Kien għalhekk li l-istudenti kienu mħeġġa sabiex jipproduċu xogħlijiet marbuta ma' din it-tema. M'għandniex xi ngħidu, l-istudenti kkonkorrew bi ħġarhom sabiex fil-*ground floor foyer* tellajna wirja mill-isbaħ b'ċarts, tpinġijiet u varjetà sabiħa ta' mudelli ta' monumenti.






Matul il-ġimgħa, waqt il-*form assemblies* tat-Tlieta u l-Erbgħa komplejna bl-istess tema u diversi studenti qraw bijografiji ta' personaġġi famużi b'lingwi differenti. Komplejna wkoll bl-attivitajiet waqt il-brejk meta kull dipartiment ħejja ikel tipiku tal-pajjiż għall-istudenti tagħna. It-Tnejn kellna l-*cupcakes* tal-Ingliż, it-Tlieta l-*apfelstrudel* tal-Ġermaniż, l-Erbgħa t-*Tiramisù* tat-Taljan, il-Ħamis il-*gaufres* (*waffles*) tal-Franċiż u l-Ġimgħa l-*paella* tal-Ispanjol. Minn naħa tagħhom l-għalliema tal-Healthy Eating tawna daqqa t'id ukoll meta ppreparaw ikel minn pajjiżi differenti bħal *cottage pie*, *hamburgers* u *quiche lorraine* sabiex jinbiegħ fit-*tuck shop*. L-għan tagħna kien li l-istudenti jipprattikaw u jisimgħu l-lingwi differenti li jiġu mgħallma fl-iskola filwaqt li jitgħallmu wkoll dwar il-kulturi u t-tradizzjonijiet differenti ta' kull pajjiż. Minkejja li kienet ġimgħa impenjattiva għad-dipartimenti tal-lingwi, b'sodisfazzjon ngħidu li l-istudenti kienu ferm entużjasti u żgur li saru jafu iżjed kemm dwar il-lingwi li jitgħallmu kif ukoll dwar il-lingwi l-oħrajn.



*Kapijiet tad-Dipartiment*






THE
EIFFEL
TOWER
Monuments
FRANCE


FELIPE
VI

# KALENDARJU UFFIĊJALI*

| Diċembru 2016 | |
|---|---|
| 1 | Quddiesa tal-Griżma tal-Isqof għall-istudenti tat-8 Sena |
| | Żjara fil-lukanda Westin Dragonara (għażla ta' studenti mid-9 Sena) |
| 2 | Ħarġa mid-Dipartiment tal-Ġeografija għall-istudenti tal-klabb tal-Ġeografija |
| | Taħdita għall-istudenti tal-5 Sena - Relationships and Dating |
| 6 | Żjara fl-MCAST, Raħal il-Ġdid għall-istudenti kollha tal-5 Sena |
| | Ħarġa edukattiva f' San Vinċenz de Paule mid-dipartiment tal-Home Economics għal xi studenti mir-4 Sena |
| | Quddiesa tal-Milied għall-iskejjel kollha (għażla żgħira ta' studenti) |
| | Żjara fis-Satellite Institute (għażla ta' studenti mill-5 Sena) |
| 9 | Pantomima: Il-Gżira tat-Teżor (it-8, id-9 u r-4 Sena) |
| | Lejlet il-Ġenituri (mis-18:00 sat-20:00) |
| 11 | Pantomima: Il-Gżira tat-Teżor (fil-17:00) |
| 13 | Pantomima: Il-Gżira tat-Teżor (fil-17:00) |
| 15 | *Screening* tax-xagħar |
| 17 | Pantomima: Il-Gżira tat-Teżor (fis-18:30) |
| 18 | Pantomima: Il-Gżira tat-Teżor (fil-17:00) |
| 20 | Quddiesa tal-Milied (it-8, id-9 u r-4 Sena) |
| 21 | Quddiesa tal-Milied (il-5 Sena) |
| | Festin tal-Milied għall-istudenti |
| 22 | Ġurnata ta' tindif |
| 23-31 | Vaganzi tal-Milied |

| Jannar 2017 | |
|---|---|
| 1-6 | Vaganzi tal-Milied |
| 16-20 | Tilqima għad-DPT (ir-4 Sena) |

| Frar 2017 | |
|---|---|
| 9-24 | Eżamijiet ta' Nofs is-Sena |
| 24 | Laqgħa għall-ġenituri tad-9 Sena dwar Relationships and Dating |
| 27-28 | Vaganzi tal-Karnival |

**Il-programm jista' jinbidel skont il-ħtieġa*

Lejlet il-Ġenituri
Il-Ġimgħa, id-9 ta' Diċembru 2016
mis-18:00 sat-20:00

TINSEWX

## PARTEĊIPAZZJONI TAL-ISTUDENTI FIL-BUDDING ROCKSTARS




Ħames studenti mill-iskola tagħna kienu fost il-130 student mill-iskejjel sekondarji kollha f'Malta u Għawdex li pparteċipaw fil-konferenza dwar l-intraprenditorija u l-innovazzjoni bit-titlu Budding RockStars li ntlaħqet nhar il-Ħamis 27 ta' Ottubru. Din l-attività kienet tal-ogħla livell organizzata mill-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni (MCA), l-Istitut Edward de Bono fi ħdan l-Università u msieħba oħra flimkien mad-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi.

"Budding Rockstars kien suċċess enormi, u għalija kienet verament esperjenza kbira. Kont anke espost għal nies oħra li f'dan il-punt qegħdin fin-negozju. Jien ġejt ispirat biex 'il quddiem nibda n-negozju tiegħi stess."
**Nathan Bonniċi**

"Kienet attività sabiħa, billi ma kinitx ġurnata normali iżda xorta waħda tgħallimt. L-iktar parti li għoġbitni kienet il-biċċa tal-proġett għaliex kienet interattiva ħafna."
**Carlos Gafà**

L-istudenti, permezz ta' diskussjonijiet u preżentazzjonijiet minn intraprendituri fil-panelli, tgħallmu mill-esperjenzi u l-għarfien espert tagħhom. Huma semgħu kif permezz ta' persistenza kostanti n-negozjanti rnexxielhom jippromettu u kellhom suċċess fin-negozju tagħhom. Semgħu wkoll mistoqsijiet minn studenti oħrajn li kienu mwieġba professjonalment. It-tweġibiet kienu miżjuda mill-pariri ta' snin ta' esperjenza u tagħrif sinifikanti dwar il-karatteristiċi prinċipali u essenzjali biex isegwu karriera intraprenditorjali. L-istudenti mhux biss kellhom l-opportunità li jieħdu sehem fis-sessjonijiet interattivi ma' intraprendituri, imma wkoll ħadu sehem attiv f'*workshops* bejn studenti nfushom. Hawn ħareġ biċ-ċar l-istimuli u l-abbilitajiet fil-ħsieb kreattiv tagħhom b'mentalità intraprenditorjali li timmanifesta ruħha fl-għarfien li kisbu mill-iskola.





“F'din l-esperjenza eċċellenti, iltqajt ma' intraprendituri minn oqsma differenti li qasmu miegħi l-esperjenza tagħhom fil-qasam tal-*business* tagħhom kif ukoll ħdimna ma' studenti oħra minn skejjel differenti fi gruppi biex għamilna *chart* relatata ma' ideat ma' intraprenditorija.”

**Andreas Scicluna**

Bħala konsulent tal-karriera nħeġġeġ lill-istudenti li qatt m'għandhom iħossuhom inferjuri li jistgħu jirnexxu, imma jkunu persistenti f'dak li jemmnu fih. Nagħtihom parir li jsaħħu l-abbiltajiet u li jkollhom sens ta' riskju fin-negozju. Dan ifisser li huma għandhom ikollhom ippjanar tajjeb u soluzzjoni għall-problemi. Tajjeb li tridu tkunu motivati, tkabbru l-ħiliet ta' komunikazzjoni, organizzazzjoni tajba u l-bżonn li taħdem f'tim. Mhux biss tridu taħsbu b'moħħ kreattiv u innovattiv iżda tkunu kapaċi ssolvu problemi li tesperjenzaw fil-ġurnata ta' kuljum bħala intraprendituri. Ngħidilkom li ħadd ma jista' jġegħelkom tħossukom inferjuri mingħajr il-kunsens tagħkom.

*Is-Sur N. Mallia*
Principal Education Support Practitioner (Career Advisor)

# KLABB TAL-ĦAMIEM





Din is-sena, fl-iskola ngħaqad klabb ġdid fejn qed inrawmu l-ħamiem tal-ġiri. Bl-għajnuna tal-federazzjoni tal-*ħamiem tal-ġiri ta' Malta*, l-iskola għandna barumbara tal-ħamiem, fejn hemm madwar 30 ħamiema. Dan huwa proġett li qiegħed isir l-ewwel darba f'Malta fi ħdan l-iskola tagħna. L-għan ta' dan il-klabb huwa li lit-tfal inħeġġuhom sabiex ikollhom delizzju u nżommuhom 'il bogħod mill-vizzji ħżiena. Fl-istess ħin, huma jitgħallmu jieħdu ħsieb l-annimali u jkunu responsabbli u jkunu kapaċi jagħrfu mard u kundizzjonijiet oħra u jżommu l-indafa. Huma qed jitgħallmu wkoll kif issir il-logħba tat-tiġrijiet tal-ħamiem, fejn bħala skola se nkunu qed nieħdu sehem ukoll fil-futur qarib, meta l-ħamiem tagħna jkunu lestu biex jiġri minn barra minn xtutna.



Bħalissa diġà ssieħbu madwar 25 tifel f'dan il-klabb, u kull min huwa interessat għandu javviċina lis-Sinjura K. Mifsud (LSA) li qiegħda tieħu ħsieb dan il-klabb.

*Is-Sa K. Mifsud*
Learning Support Assistant

# REGOLI, DRITTIJIET U RESPONSABBILTAJIET

Għeżież studenti, xi kultant nistħajjilkom tistaqsu dawn ir-regoli kollha tal-iskola għalfejn qegħdin? Regoli ta' ġol-klassi, ta' barra l-klassi, regoli għal fuq it-trasport, regoli ta' kif għandna nilbsu, nagħmlu xagħarna u issa saħansitra regoli li ma jħalluniex niġu l-iskola anqas b'dak l-imbierek ta' mowbajl! Dawn xi bċejjeċ huma? X'inhu jiġri hawn? Ma nagħmlux mod li dawn l-għalliema konfoffa waħda kontra tagħna u qegħdin hemm biex jagħmlulna ħajjitna miżerja? Nassigurakom li dan mhux il-każ u ngħidilkom li m'hemmx regola waħda fl-iskola li mhux qiegħda hemm biex tħares is-saħħa u s-sigurtà ta' kull wieħed u waħda minnkom.



Imma dawn ir-regoli kif nistgħu niftakruhom kollha, nistħajjilkom tgħidu? Fil-verità, kulma rridu niftakru li dak li aħna għandna dritt għalih, iġorr miegħu r-responsabbiltà li naraw li ħaddieħor ma jiġix imċaħħad minnu lanqas. Ħa nagħti ftit eżempji biex tifhmuni aħjar. Tafu tajjeb daqsi li kull wieħed u waħda minnkom għandha d-dritt li kull filgħodu tqum u terħilha lejn l-iskola bl-idea li hemmhekk se ssib ambjent li jilqagħha, ambjent ħieles minn kull ħaġa li tista' tweġġagħha. Ambjent fejn wieħed ikun jista' jitgħallem mingħajr tfixkil. Ambjent fejn l-istudenti jittrattaw lil studenti oħra b'rispett u d-dinjità li tixraq lil kull persuna. Imma qatt waqaftu taħsbu li intom tistgħu tkunu fost dawk l-istudenti li filwaqt li jippretendu bi dritt li jmorru l-iskola u jitgħallmu kif jixraq, ikunu minn tal-ewwel li jtellfu lil ħaddieħor? Fil-fatt, jekk tieqfu taħsbu ftit, issibu li ħafna mir-regoli tal-klassi qegħdin hemm propju biex iħarsu d-dritt ta' kull student li jiġi l-iskola u jitgħallem mingħajr tfixkil. Dawn ir-regoli jistgħu jiġu kklassifikati bħala regoli ta' rispett.

Hemm imbagħad ir-regoli li jħarsu s-saħħa u s-sigurtà tagħna. Ir-regoli li jirregolaw l-imġiba tagħna fil-kurituri, fit-taraġ, fil-btieħi u anke fuq it-trasport tal-iskola flimkien mar-regoli tal-politika tal-ikel li jista' jiġi kkonsmat jew mibjugħ fl-iskola . Dawn ir-regoli qegħdin hemm propju biex jassiguraw li d-dritt tagħna li l-ħin tal-iskola jkun ħin ħieles minn kull tip ta' periklu jiġi mħares. Kif għedna qabel, id-dritt tagħna hu wkoll id-dritt ta' ħaddieħor u dan jitlob minna impenn sħiħ biex l-imġiba tagħna ma tkunx dik li timmina s-saħħa u s-sigurtà ta' ħaddieħor.

Nittama li dal-kelmtejn jgħinukom tifhmu li l-osservanza tar-regoli mhuwiex għan fih innifsu iżda mezz biex permezz tiegħu kollha kemm aħna nkunu nistgħu ngħixu, nitgħallmu u naħdmu flimkien f'serenità u armonija. Nittama wkoll li b'dal-kelmiet taraw 'il-għalliema u l-amministraturi tagħkom mhux bħala dawk li qegħdin hemm biex jgħassu fuqkom, iżda bħala persuni li jaqsmu l-ġurnata tal-ħidma tagħhom biex b'impenn u dedikazzjoni jippreparawkom biex tkunu ċ-ċittadini t'għada.

*Is-Sur L. Baldacchino*
Prefett tad-Dixxiplina tal-Kulleġġ

# REFERÌ FIR-RABA' SENA - INTERVISTA



X' tgħidilna dwarek?

Jien Gerard Zammit Young, għandi erbatax-il sena, noqgħod iż-Żurrieq, qiegħed fil-klassi 4.1 u nħobb indoqq il-pjanu u nilgħab futbol ma' ħija.



Kif bdiet din il-karriera tiegħek bħala referì?

Qabel kont plejer tal-futbol, kont nilgħab maż-Żurrieq, ma' Ħal Kirkop u għamilt żmien mal-Imqabba.
Wara li kont qtajt ftit mill-futbol minħabba xi kwistjonijiet li kelli mal-kowċ, kont interessajt ruħi f'karta li kienu tawna l-iskola għal kors ta' referì u ddeċidejt li nagħmel dan il-kors biex anke nibda fuq il-karriera li kellu n-nannu.

Kif kienet l-ewwel esperjenza tiegħek bħala referì?

L-ewwel esperjenza tiegħi nista' naqsamha fi tnejn. L-ewwel kont assistent referì sa nofs Settembru fil-grawnd tal-Mosta fejn kien hemm jilagħbu l-Luxol u Ħal Balzan. Kont naqra mbeżża' u indeċiż mid-deċiżjonijiet li kelli nieħu. Għalhekk ippruvajt inżomm ftit lura. Però bil-mod il-mod, bl-esperjenza, anke aktar tard fl-istess logħba, bdejt inħossni aħjar. Bħala l-ewwel logħba ta' referì kont aktar lest għaliha għax anke l-iskola kont diġà rreffjajt fil-logħob tal-Council Cup allura ħassejtni aktar ippreparat.



X'qed taspira għall-futur?

Għall-futur qed naspira li nkompli fuq din il-karriera, nixtieq li nkun referì fuq livell nazzjonali u forsi aktar 'il quddiem, referì mal-FIFA. Dan apparti li nixtieq insir tabib u fil-fatt fl-iskola qed nistudja l-Bijoloġija u l-Kimika.

X'messaġġ tixtieq twassal lill-istudenti?

Nixtieq ngħid lill-istudenti biex qatt ma jaqtgħu qalbhom. Eżempju min ma jirnexxix bħala plejer fil-futbol, hemm affarijiet oħra li jista' jkompli fuqhom bħal kowċ jew referì.

*Is-Sa S.E. Cachia*
Għalliema tal-Istudju Soċjali

# SUĠĠETT ĠDID: L-ETIKA

Is-suġġett tal-Etika huwa wieħed minn dawk is-suġġetti ġodda li ser jibdew jiġu mgħallma fl-iskola sekondarja tagħna matul din is-sena skolastika. Huwa suġġett ġdid iżda mhux sa barra.




Is-suġġett introduċejnieh jien u sħabi għalliema tal-Etika daqs tliet snin ilu, fil-Kulleġġi ta' Santa Klara u ta' Santa Margerita. Bdejna bl-etajiet l-iktar bikrija sa ma llum il-ġurnata s-suġġett qed jiġi mgħallem f'diversi skejjel. Dawn huma l-Ewwel u t-Tieni sena tal-Iskejjel Primarji taż-Żurrieq, Ħal Safi u Birżebbuġa; is-Seba' Sena tal-Iskola Medja ta' Ħal Kirkop, u t-Tmien u d-Disa' tal-Iskola Sekondarja tagħna.

Il-ħsieb wara s-suġġett tal-Etika huwa li nrawmu fl-istudenti tagħna kuxjenza morali. Dan sabiex fil-ħajja ta' kuljum dak li jkun ikun jista' jgħix ħajja tajba, fi trankwillità mal-oħrajn.

Flimkien fil-klassi ser nitgħallmu dwar esperjenzi diversi fid-dinja – esperjenzi mnebbħa minn twemmin, minn prattiċi u minn tradizzjonijiet. Ser nitgħallmu dwar kif għandna nirrelataw ma' tfal oħra fl-iskola tagħna, u kif għandna niżviluppaw l-iskola tagħna bħala komunità ta' tagħlim.

Ser inkunu qed nitkellmu dwar prinċipji morali li għandhom jiggwidaw il-ħajjiet tagħna, fuq deċiżjonijiet iebsa li rridu nkunu kapaċi nieħu f'ċirkostanzi diffiċli, anke meta forsi l-istint tagħna jimbuttana biex nieħdu deċiżjonijiet impulsivi. Ser nitkellmu anke fuq id-dmir tagħna li nħarsu l-verità u l-ġustizzja u dwar valuri oħrajn bħall-onestà, il-lealtà, l-empatija u kif għandna nifhmu lil xulxin, il-kuraġġ, it-tolleranza u r-rispett.




Fi ftit kliem ser inkunu qegħdin nitħaddtu dwar kif għandna nieħdu ħsieb tagħna nfusna u ta' dawk ta' madwarna. Ser inkunu wkoll qed niddibattu sabiex naslu għall-kompromessi b'rispett sħiħ lejn l-opinjonijiet ta' xulxin. Le ħbieb tiħdux ħsieb... m'aħniex ser inkunu wisq storbjużi!

*Is-Sur M. Amato*
Għalliem tal-Etika

# CREA

Din is-sena taħbat it-tnax-il sena mit-twaqqif tal-għaqda CREA (Christian Recreation through Expressive Arts). Din hija għaqda li fiha l-istudenti jagħmlu *crafts* u xi attivitajiet ta' natura reliġjuża u spiritwali, marbutin maż-żmien partikolari tal-liturġija. Minħabba f'hekk, l-istudenti jkollhom iktar għarfien fuq żmien partikolari tas-sena li aħna bħala Nsara nkunu qegħdin fih u fl-istess waqt ikunu qed jagħmlu xi ħaġa prattika li fiha huma jieħdu gost. Din is-sena b'mod partikolari l-għaqda, rat żieda ta' studenti li flimkien mal-LSA tagħhom qegħdin jiġu matul il-ħin tal-mistrieħ tagħhom biex jagħtu sehem f'dan il-grupp. Is-sehem tagħhom qiegħed ikun tassew apprezzat u milqugħ kemm mill-istudenti nfushom kif ukoll mill-għalliema li mingħajrhom ċerta ħidma ma tkunx tista' ssir. Biex nibqgħu fit-tema liturġika, issa dalwaqt ħa nkunu qegħdin niċċelebraw il-Milied imma qabel ma jasal, nibdew is-sena ġdida bl-Avvent. F'dan iż-żmien l-istudenti ħa jkunu qegħdin jippreparaw girlanda kbira u waħda iżgħar fid-daqs bħala preparazzjoni għall-miġja ta' Ġesu' Bambin fostna flimkien ma' diversi



presepji li huma jkunu għamlu fil-ħin tal-mistrieħ tagħhom. Kollox ma' kollox, aħna bħala grupp tal-CREA nixtiequ nawguraw il-Milied u s-Sena t-Tajba lill-għalliema, staff u l-istudenti kollha tal-Kulleġġ San Benedittu.

*Is-Sa R. Bugeja Muscat*
Għalliema tar-reliġjon

# IKEL TRADIZZJONALI TA' ŻMIEN IL-MILIED



Għalkemm qed isir ħafna tibdil f'kull kultura, ħafna tradizzjonijiet ta' żmien il-Milied f'Malta baqgħu jimxu minn ġenerazzjoni għall-oħra. Fost ħafna drawwiet, l-iktar li jispikka huwa l-ikel. L-iskola tagħna tagħti ħafna importanza tal-ikel li jiġi servut fl-iskola biex inkomplu nrawmu fl-istudenti ħiliet li jkunu jafu jagħżlu ikel tajjeb għas-saħħa. Huwa importanti wkoll li nsemmu li l-iskola tagħna kienet l-ewwel waħda f'Malta li fetħet *tuckshop* li jservi biss ikel bnin u sustanzjuż għall-istudenti kuljum.

Ma nistgħux ma nsemmux illi f'daż-żminijiet f'Malta niffukaw ħafna fuq l-ikel tradizzjonali tal-Milied. Ħafna minn dan l-ikel jista' jkun ippreparat id-dar.

Fosthom insibu:

- l-imbuljuta tal-qastan
- il-qagħqa tal-għasel
- it-torta tal-qastan
- il-kejk tal-Milied
- il-*mince pies*
- il-pudina tal-Milied



Wieħed mill-iktar ħelu tal-Milied popolari f'Malta, għalkemm mhux tradizzjonali Malti, huwa l-*log* tal-Milied. Għalhekk, iddeċidejna li naqsmu magħkom riċetta ta' dan il-*log*, però b'ħafna inqas xaħam saturat li nafu li jagħmel ħafna ħsara lill-qalb. Dan il-*log* jintgħoġob ħafna u kieku minnkom ma naħsibhiex darbtejn biex nippruvah. Se nagħtukom ukoll riċetta tal-mili tal-*mince pies*, li huwa ħafna iktar tajjeb minn dak li nsibu lest fil- vażetti.



## *Log* tal-Milied

**Ingredjenti:**

- 2 pakketti Morning Coffee Light
- 400 ml ħalib xkumat
- 100g gramma ġellewż
- 50 gramma ċirasa
- 2 mgħaref kokodina
- pakkett tamal taċ-ċappa

**Metodu:**

1. Farrak il-gallettini.
2. Qatta' t-tamal f'biċċiet żgħar.
3. F'kazzola itfa' t-tamal u l-ħalib u poġġi fuq in-nar. Ħawwad sakemm it-tamal jinħall u t-taħlita tagħqad.
4. Fi skutella ħawwad flimkien il-gallettini, il-ġellewż, iċ-ċirasa u l-kokodina.
5. Għaqqad kollox flimkien bit-taħlita tal-ħalib u t-tamal. Jekk it-taħlita tibqa' ratba, żid naqra iktar gallettini.
6. Rembel it-taħlita f'forma ta' zokk.
7. Ħalliha toqgħod fil-friġġ għal 4 sigħat.

## Mili tal-*mince pies (mince meat)*

**Ingredjenti:**

- 100g tuffieħ
- 100g żbib
- 100g passolina
- 100g sultana
- qoxra tal-larinġ jew lumi
- Meraq ta' lumija jew largina
- ½ kuċċarina ħwawar imħallta
- 25-50g *nuts*
- Mgħarfa *brandy*

Lesti din it-taħlita ftit ġimgħat qabel il-Milied ħalli ssir tajjeb.

**Metodu:**

1. Ħallat kollox flimkien u poġġi ġo vażett fil-friġġ.
2. Kull ġimgħa iċċekkja t-taħlita u jekk ikun hemm bżonn żid naqra meraq tal-laring jew *brandy*.



*Is-Sa J. Borg*
*Is-Sa R. Cassar*
Il-grupp tal-Healthy Eating

# CYBER CRIME AND CYBER BULLYING

The rise of social media and wide internet use has brought a revolution in the way we communicate, behave and even socialise. As educators and parents we have to come to terms with the fact that our children and adolescents are nowadays exposed to various dangers as well as threats through the net. One does have to acknowledge the benefits of the internet and social media. However, the aim of this article is not to highlight those benefits.




As a parent, one has to be constantly vigilant and aware of the use that our children make of the net. Long hours on browsing through the internet and social media should not be encouraged and one should also avoid making use of internet during night time when everyone is asleep and children are free to do as they please. One should also bear in mind that social media accounts under the age of 13 are illegal. Thus as parents, our first obligation is to obey the laws as well as make sure that our children are being protected.

The net and social media in general is full of fake profiles and rogues, thus chances of our children being persecuted or seduced by ill-fated subjects is highly possible. Some parents find it easier to assist with their child's safety by having their children's passwords to social media accounts. Like that most parents feel they have more control on their minors. Although one might find this violates a child's privacy, one cannot forget that they are after all minors and thus some parents prefer to violate privacy then to expose children to unwarranted risks. This does not mean that this is the only way to make sure children are safe. Constant communication and discussion with our children have to take place and following closely their movements on the net is a must. It is also up to us as educators and guardians to instil values that help children choose right from wrong, thus upbringing and education do play a crucial role. If your child is a victim of any cybercrime, call the cybercrime unit immediately on (+356) 2294 2231. They will guide you accordingly.

Another threat that has seeped its way through the net is cyber bullying. Unfortunately children are not only exposed to bullying at school and places of entertainment but such bullying very often continues on social media. Cyber bullying can be persistent and can spread quite easily given that bully is protected by a screen, thus violence of the mental kind can be severe and sometimes even more aggressive. As parents our role is crucial in watching our kids and observe their moods and behaviour. Some children find it very hard to talk about it and some would not talk about it at all. If as a parent you have any suspicion that your child is being bullied online, checking in on their social media account could answer a lot of questions. If your child is bullied by someone he/she has met online, he/she may not even know who the bully is and may be reluctant to tell you. If your child is a victim of cyber bullying, save a copy of the exchange/s with the date and time. Contact the helpline on 179 or **179.appogg@gov.mt** – they will be able to help you and guide you accordingly.

*The Guidance Team*

# TISLIBA MILIED



Kull min ilesti t-tisliba għandu jagħmel fotokopja tagħha, jikteb ismu u l-klassi, u jgħaddiha lis-Sa Camilleri (Assistent Kap), fil-kamra FB108 sa' nhar it-**Tnejn, 19 ta' Diċembru**. Infakkrukom li hemm xi rigali sbieħ għar-rebbieħa.

**MIMDUDIN**

5. Ċirku kollu weraq bi 3 xemgħat vjola u 1 roża.
7. Ħafna jsajru dan nhar il-Milied.
8. Għal dan il-qaddis hija ddedikata l-ġurnata tal-għada tal-Milied.
9. Xarba magħmula mill-qastan.
11. Din tkun fil-quċċata tas-siġra tal-Milied.
12. Ikun hemm ħafna wirjiet ta' dawn fl-irħula Maltin.
14. Diska ħelwa ġiet ddedikata lil dan it-tifel, li ommu kienet tagħmel il-kagħkiet.
15. Bihom nimlew il-grotta tal-Bambin.
16. Il-Papa jibagħtilna din nhar il-Milied.
17. Fiha raqad il-Bambin meta twieled.

**WEQFIN**

1. Għasfur ħelu li jiġi jżurna f'dawn iż-żminijiet.
2. Nibagħtuhom lill-qraba u lill-ħbieb.
3. Ħelu ta' dan iż-żmien, qisu spagetti, moqli u miksi biz-zokkor.
4. Lejlet il-Milied tal-Mużew, jorganizzaw din bil-Bambin.
6. Hekk jissejjaħ iż-żmien ta' qabel il-Milied.
10. Friegħi żgħar tas-siġar li ġieli nżejnu bihom fil-Milied.
11. Għaġina bil-panura moqlija fiż-żejt.
12. Jagħmilha t-tfajjel fil-quddiesa ta' nofs il-lejl.
13. Qisha kejk tal-Milied imma ma ssirx fil-forn.
14. Niżirgħuha qabel il-Milied, biex inżejnu biha madwar il-Bambin.




**Bord Editorjali:** Assistenta Kap: *C. Camilleri*
Disinn: *A. Galea*
Issettjar: *J. Azzopardi*
Fotografu: *D. Bezzina*

Qari tal-Provi: *R. Caruana, L. Deguara, D. Dimech, W. Incorvaja, R. Mangion, J. Spiteri, C. Tanti.*

Tajpisti: *G. Agius Zammit, M. Busuttil, S.E. Cachia, E. Grech Sciclunа, D. Muscat, M.L. Schembri.*

Stampar: *C. Cassar*